



IL-ĠINGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILJET VOKAZZJONALI



2019

Sett ta' għodod dwar il-komunikazzjoni

#DiscoverYourTalent

*Impjegi,
affarijiet soċjali
u inklużjoni*



Dwar xiex inhi l-kampanja?

Il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali hija inizjattiva mill-Kummissjoni Ewropea biex titqajjem kuxjenza dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u biex dawn isiru aktar attraenti. Il-Ġimgħa għandha l-għan li tagħmel l-ETV bħala propożizzjoni aktar attraenti, u tgħin liż-żgħażaġħ u lill-adulti jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. L-avvenimenti li jsiru madwar l-Ewropa kollha – fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali – se juru l-opportunitajiet kbar offruti mill-ETV għaż-żgħażaġħ, l-adulti u l-kumpaniji.

Ir-raba' edizzjoni tal-Ġimgħa se ssir bejn l-14 u t-18 ta' Ottubru 2019 fl-Istati Membri tal-UE, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati tal-UE. L-avvenimenti u l-attivitajiet organizzati fi kwalunkwe żmien matul l-2019 jistgħu jiġu assoċjati mal-Ġimgħa, u dan isaħħaħ ir-rikonoxximent u l-viżibbiltà tal-organizzazzjoni tiegħek.

Il-motto tal-inizjattiva huwa "Skopri t-talent tiegħek!" Din tfittex li turi li kull persuna għandha talent u li l-ETV jista' jipprovdi lin-nies bil-ħiliet prattiċi, bl-għarfien u bil-kompetenzi neċessarji biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali. It-tema ta' din is-sena hija "ETV għal KULĦADD – Ħiliet għall-Ħajja" u l-Ġimgħa se tkun qed tiffoka fuq l-aspetti inklużivi u tul il-ħajja tal-ETV.



Kif tuża dan is-sett ta' għodod

Dan is-sett ta' għodod dwar il-komunikazzjoni huwa riżorsa prattika għall-organizzaturi ta' avvenimenti u attivitajiet. **Dan għandu l-għan li jgħinek tippromwovi l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati tiegħek u l-pubbliku inġenerali.**

Billi tuża l-materjal inkluż f'dan is-sett ta' għodod, tista' tgħin biex tikkomunika l-benefiċċji u l-opportunitajiet assoċjati mal-ETV madwar l-Ewropa.

L-OBJETTIVI TAL-KAMPANJA

Il-kampanja dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali għandha l-għan li tikseb dan li ġej:

- ✓ Turi l-bosta modi kif l-opportunitajiet ta' ETV jistgħu jgħinu kemm liż-żgħażaġh kif ukoll lill-adulti "jiskopru t-talent tagħhom".
- ✓ Tgħin lill-impjegaturi jirrealizzaw il-potenzjal enormi u l-benefiċċji tal-investment fir-riżorsi umani permezz tal-appoġġ għat-taħriġ inizjali taż-żgħażaġh, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti.
- ✓ Tivvalida l-għażla li jagħmlu n-nies meta jagħżlu li jistudjaw ETV billi turi l-valur kompetittiv tagħha.
- ✓ Tiżviluppa u tqajjem kuxjenza dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali, filwaqt li tibni fuq is-suċċessi tal-kampanji għall-2016, l-2017 u l-2018.

MESSAĠĠI EWLENIN U KIF TUŻAHOM

Dawn il-messaġġi jgħbru xi rridu ngħidu lin-nies dwar l-ETV, u l-użu tagħhom se jsaħħaħ l-impatt tal-Ġimgħa u jgħin biex jippromwovi l-ETV madwar l-Ewropa. Dawn jistgħu wkoll iservu ta' ispirazzjoni għal meta tkun qed taħseb x'tip ta' avveniment se torganizza, il-promozzjoni tal-avveniment tiegħek jew tal-Ġimgħa, it-tnejn ta' preżentazzjonijiet, il-kitba ta' posts tal-midja soċjali, eċċ.

Jekk il-messaġġi tagħna jkun mħallta, l-impatt jintilef, iżda l-messaġġi ewlenin jgħinu lill-kampanji titkellem b'vuċi waħda.

Grupp fil-mira

Messaġġ ewlieni



Kollha

Kull persuna għandha talent uniku. Falli l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħinuk tiskopri tiegħek! Ta' min tinvesti ħinek fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali peress li dan joffri firxa kbira ta' opportunitajiet u benefiċċji, kif ukoll jiftaħ possibbiltajiet ġodda għall-futur.



Studenti żgħażaġh u l-ġenituri tagħhom

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħin liż-żgħażaġh isegwu karrieri ta' suċċess u eċċitanti, u jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħin liż-żgħażaġh jiksbu vantaġġ kompetittiv bi kwalifiki li huma prezzjużi għall-impjegaturi u rrikonoxxuti mill-industriji kollha. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali huwa għażla għaqlija, divertenti, itejjeb l-impjegabbiltà u jwassal għal impjegi ta' kwalità għolja.



Studenti adulti

Hemm opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali kbar li jistgħu jgħinuk issegwi karriera interessanti u ta' sfida, kif ukoll tinvolvi ruħek b'mod attiv fis-soċjetà.

Qatt mhuwa tard wisq biex titgħallem! L-edukazzjoni vokazzjonali hija għażla tajba ħafna għal persuni ta' kwalunkwe età. L-istudenti adulti madwar l-Ewropa kollha u l-bqija tad-dinja diġà qed jiksbu vantaġġ mill-opportunitajiet, għalhekk għax ma tingħaqad magħhom?

It-tagħlim tul il-ħajja jgħinek iżżid l-impjegabbiltà tiegħek, tiżviluppa l-ħiliet personali tiegħek u ttejjeb l-opportunitajiet soċjali tiegħek.



Negozji (eż. SMEs)

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jipprovdi lill-impjegati bil-ħiliet li jeħtieġu biex jeliminaw id-diskrepanza fil-ħiliet fil-kumpaniji.



Kif tinvolvi ruġek

Iċ-ċavetta għas-suċċess tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019 hija l-involvement attiv tal-organizzazzjonijiet, il-kumpaniji u l-individwi fil-kampanja. Jekk int involut fl-ETV fit-28 Stat Membru tal-UE, fiż-ŻEE jew fil-pajjiżi kandidati tal-UE, u tixtieq tgħin biex isir aktar magħruf, hemm ħafna modi kif tista' tappoġġja l-Ġimgħa.

ORGANIZZA AVVENIMENT JEW ATTIVITÀ

Organizza l-avveniment jew l-attività tiegħek bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u ssir parti minn netwerk kbir ta' individwi u organizzazzjonijiet li jippromwov u l-ETV. **Ir-reġistrazzjoni tal-avveniment jew l-attività tiegħek bħala parti mill-Ġimgħa hija opportunità promozzjonali unika.** Se jkollok aċċess għal materjal promozzjonali u se tikseb ukoll viżibbiltà fuq is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali.

Int tista' torganizza varjetà wiesgħa ta' avvenimenti u attivitajiet, u tfassalhom skont il-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni tiegħek u r-riżorsi li għandek disponibbli. Xi ideat jinkludu jiem għall-pubbliku, turs, seminars, sessjonijiet ta' ħidma, wirjiet, għoti ta' premjijiet lill-impjegati, kompetizzjonijiet u kwizzijiet. Tista' torganizza wkoll avveniment online bħal chat fuq Twitter jew sessjoni fuq Facebook Live.

Biex tirreġistra l-avveniment jew l-attività tiegħek bħala parti mill-Ġimgħa, din għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

1

- Issir bejn Mejju u Diċembru 2019.
- Tirrifletti l-impenn tiegħek lejn l-eċċellenza fit-tagħlim ETV u/jew għall-adulti.
- Timmira li ttejjeb id-dehra, l-attraenza u l-kwalità tal-ETV.
- Tinvolvi l-istudenti jew il-partijiet ikkonċernati.
- Jekk possibbli, tipprovdi informazzjoni dwar eżiti pożittivi (eż. f'termini ta' interess akbar fi programmi tal-ETV minn studenti potenzjali, impjegabbiltà, eċċ.).

2

Ladarba tkun ippjanajt l-avveniment jew l-attività tiegħek, il-pass li jmiss huwa li timla l-formola ta' reġistrazzjoni sempliċi tagħna. L-avvenimenti u l-attivitajiet kollha li jkunu ġew sottomessi se jiġu analizzati sabiex jiġi żgurat li ġiet ipprovduta l-informazzjoni meħtieġa u li l-attività tkun tiffoka fuq il-Ġimgħa. Imbagħad int se tiġi kkuntattjat għal kjarifika ulterjuri jew b'konferma li l-avveniment tiegħek ġie miżjud fuq is-sit web tal-Ġimgħa. Tista' ssib ħarsa ġenerali sħiħa tal-proċess ta' reġistrazzjoni fil-Linji gwida biex torganizza l-avveniment jew l-attività tiegħek stess.

L-APPOĠĠ TAGĦNA

Aħna żviluppajna firxa ta' għodod biex jgħinuk ittejjeb il-viżibbiltà tal-avveniment jew l-attività tiegħek – sew jekk fuq livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali – u biex issaħħaħ il-parteciċipazzjoni. Dawn jinkludu li ġej:



Fuljett tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019.



Sett ta' għodod dwar ir-relazzjonijiet mal-midja soċjali u l-midja biex jgħinuk tippjana l-promozzjoni tiegħek stess.



Bullettin ta' kull xahar mimli kontenut relatat mal-ETV



Aċċess għal webinars dwar kif tippromwovi l-avveniment tiegħek.



Għajnuniet viżwali li tista' tagħmel co-branding tal-avveniment tiegħek bihom (stickers tas-sieħeb uffiċjali, posters, materjal tal-vidjow, kontenut tal-midja soċjali, eċċ.).



Grupp ta' Facebook esklussiv, għall-organizzaturi biss fejn int se jkollok aċċess għal riżorsi addizzjonali, u fejn tista' tiskambja ideat ma' organizzaturi bħalek.



Linja tal-għajnuna għall-appoġġ (disponibbli b'EN, DE, PL, ES, IT u HU).



Informazzjoni dwar l-Ambaxxaturi tagħna għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2019.

ŻID L-IMPATT TIEGĦEK

Aqsam l-Istorja tiegħek

Irridu nisimgħu esperjenzi relatati mal-ETV minn individwi, organizzazzjonijiet, u organizzaturi ta' avvenimenti u attivitajiet, sabiex inkunu nistgħu nibnu ġabra ta' stejjer biex jspiraw lil ħaddieħor. L-għażliet jinkludu li ġej:

- Għid l-istorja ta' avveniment preċedenti li organizzajt, billi taqsam x'kien partikolarment ta' suċċess u x'tgħallimt.
- Itlob lill-istudenti, il-ġenituri, il-persunal jew partijiet ikkonċernati oħra fl-organizzazzjoni tiegħek biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom stess tal-ETV.
- Aqsam l-istorja tal-organizzazzjoni tiegħek u kif ibbenefikat mill-ETV.

Tista' taqsam l-istorja tiegħek billi timla hawnhekk. Għażla ta' stejjer se tirċievi promozzjoni fil-kanali tal-UE kollha.

Midja soċjali

Tista' tinvolti ruħek billi tippromwovi l-Ġimgħa permezz tan-netwerks u l-kanali tiegħek. Il-materjal ipprovdut fuq is-sit web huwa ideali għall-qsim ta' avvenimenti, kif ukoll permezz tal-midja soċjali. Int tista' wkoll toħloq u taqsam il-kontenut tiegħek stess bħal vidjows, ritratti u kwotazzjonijiet mill-avvenimenti u l-attivitajiet tiegħek.

Tinsiex tuża l-hashtag tal-Ġimgħa **#EUVocationalSkills**, li tista' tiġi kkumplimentata minn **#DiscoverYourTalent**. Inkella, tista' titteggja l-profil tal-midja soċjali tagħna (imniżżla hawn taħt) biex tgħarrafna bil-posts tiegħek u nkunu nistgħu ngħinuk issaħħaħ il-profil tal-organizzazzjoni tiegħek permezz ta' netwerk tal-ETV usa' madwar l-Ewropa. (Huwa importanti li tkun ċert li l-kontenut li taqsam jikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur.) **Tista' ssib aktar informazzjoni dwar kif tagħmel l-aħjar użu mill-midja soċjali fis-sett ta' għodod dwar il-midja soċjali.**

Profili tal-midja soċjali relatati ma' ETV tal-Kummissjoni Ewropea:

- **Twitter:** @EU_social, @EuropeanYouthEU
- **Facebook:** @socialeurope, @EuropeanYouthEU

Relazzjonijiet mal-midja

Il-midja tradizzjonali u diġitali tista' tkun interessata wkoll fl-avveniment jew fl-attività tiegħek, u f'dak li għandek xi tgħid dwar l-ETV fil-kuntest tal-Ġimgħa. Int tista' tikkuntattja lill-ġurnalisti biex tara jekk humiex interessati biex jiktbu dwar jew jattendu l-avveniment tiegħek. Huma jistgħu jkunu interessati wkoll li jintervistaw lil xi ħadd mill-organizzazzjoni tiegħek minħabba żieda fl-interess fis-suġġett li jinħoloq mill-Ġimgħa. **Tista' ssib aktar informazzjoni dwar kif tinvolti ruħek mal-midja fis-sett ta' għodod dwar ir-relazzjonijiet mal-midja.**



Mistoqsijiet frekwenti

Meta għandha ssir din il-kampanja?

L-avvenimenti u l-attivitajiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe żmien bejn Mejju u Diċembru 2019.

Hemm sussidji disponibbli?

Le. Il-Kummissjoni Ewropea qed tipprovdi assistenza billi tippromwovi avvenimenti permezz tal-midja soċjali u toħloq oġġetti promozzjonali bħal fuljetti u posters, li int tista' tipprintja lokalment għall-avveniment tiegħek. Oġġetti promozzjonali bħal t-shirts u pinen se ikunu disponibbli wkoll. Int tista' tissottometti talba għal oġġetti promozzjonali tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali minn 1 ta' Lulju 2019 'l quddiem. Jekk jogħġbok ibgħat ittra elettronika lil info@vocationalskillsweek.eu biex tirreġistra jekk tkun interessat li tirċievi oġġetti promozzjonali għall-avveniment tiegħek.



Ikkuntattjana

Aħna pjaċir tagħna li ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitajiet tal-komunikazzjoni tiegħek.

Posta elettronika: info@vocationalskillsweek.eu

Telefown: +44 (0)207 444 4264

Twitter: @EU_social @EuropeanYouthEU #EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

Facebook: @socialeurope, @EuropeanYouthEU